# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 30 ta' Novembru 2023**

**Rikors ġuramentat numru 943/2023AB fl-ismijiet:**

**Sicilmal Trading Limited**
**vs.**
**Joseph Gauci Borda**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Sicilmal Trading Limited li permezz tiegħu, wara li ġie premess:

1. Illi lura fis-sena 2021, il-kumpanija rikorrenti ġiet ingaġġata mill-intimat sabiex tissuplixxi numru ta' prodotti tal-laħam bl-ingrossa, bil-għan illi l-intimat jerġa jbiegħhom fuq is-suq. Dina r-relazzjoni kummerċjali hija eżistenti mill-'Customer Activity' (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok S1');

2. Illi preżentament l-intimat huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' sittax-il elf, sitt mija, tnejn u erbgħin Euro u tnax-il ċenteżmu (€16,642.12), rappreżentanti l-prezz ta' prodotti mibjugħa u kkonsenjati lilu fuq inkarigu tiegħu stess, u dan kif jirriżulta mill-fatturi relattivi (kopja ta' liema qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkata bħala 'Dok S2', 'Dok S3', 'Dok S4', 'Dok S5', 'Dok S6', 'Dok S7', u 'Dok S8'). Għall kull buon fini qiegħda tiġi hawn annessa wkoll rendikont tal-fatturi kollha li huma dovuti sal-lum (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok S9');

3. Illi minkejja illi l-intimat ġie interpellat diversi drabi sabiex jħallas l-imsemmi ammont lill-kumpanija rikorrenti, inkluż permezz t'ittra legali datata t-3 t'April 2023 (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok S10'), l-intimat baqa' xorta inadempjenti. Il-kumpanija rikorrenti proċediet ukoll sabiex tinterpella lill-intimat għall-ħlas permezz t'ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, bin-numru ta' referenza 55/2023, ir-riferta ta' liema ġiet negattiva;

4. Illi l-intimat konsapevoli minn dawn il-fatti u tal-ammont dovut minnu, tant illi kienu saru diversi pagamenti akkonti tal-ammont dovut minnu stess, u dan kif jirriżulta mill-'Customer Activity' surreferita;

5. Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex dina l-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li dan il-kreditu fl-ammont ta' sittax-il elf, sitt mija, tnejn u erbgħin Euro u tnax-il ċenteżmu (€16,642.12), huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpanija rikorrenti l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba għall-ħlas ta' l-imsemmi ammont;

6. Illi għal kull buon fini qiegħed jiġi ddikjarat illi l-kumpanija rikorrenti ħarget mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-intimat fl-istess ammont tat-talba, liema mandat jġib in-numru ta' 1442/2023 u ġie akkordat nhar it-8 t'Awwissu 2023;

7. Illi dawn il-fatti huma magħrufa minn Robert Calleja (K.1 416078M) personalment, li qegħdin jiġu kkonfermati wkoll perrnezz t'affidavit tiegħu stess.

Għaldaqstant u għar-ragunijiet premessi, il-kumpanija rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni oħra li hija xierqa u opportuna:

1. Tilqa' t-talba tal-kumpanija rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skont l-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara l-intimat veru, ċert u likwidu debitur tal-kumpanija rikorrenti fl-ammont ta' sittax-il elf, sitt mija, tnejn u erbgħin Euro u tnax-il ċenteżmu (€16,642.12);

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex minnufih jħallas l-ammont ta' sittax-il elf, sitt mija, tnejn u erbgħin Euro u tnax-il ċenteżmu (€16,642.12) lill-kumpanija rikorrenti, bl-imgħaxijiet bl-ogħla rata permessi mill-liġi sad-data tal-ħlas effettiv.

Rat li Joseph Gauci Borda, għalkemm debitament notifikat, baqa' ma deherx biex jikkontesta l-kawża. Ġaladarba naqas milli jidher u jgħid għaliex din il-kawża ma għandhiex tiġi mismugħa bid-dispensa tas-smiegħ, din il-Qorti tqis li din it-talba hija ġustifikata.

Rat l-affidavit ta' Robert Calleja, rappreżentant awtorizzat tas-soċjeta attriċi. Bix-xiehda tiegħu, magħquda mad-dokumenti eżebiti, il-Qorti tqis sodisfaċentement pruvat li l-intimat huwa debitur versu s-soċjeta rikorrenti fl-ammont ta' **sittax-il elf, sitt mija, tnejn u erbgħin Euro u tnax-il ċenteżmu (€16,642.12)** rappreżentanti l-prezz ta' prodotti ta' laħmijiet li kienu ġew mibjugħa lill-intimat fuq ordni u struzzjonijiet tiegħu.

Kif ingħad Joseph Gauci Borda, għalkemm notifikat, baqa' kontumaċi, u ma deherx biex jikkontesta din il-kawża.

B'hekk dil-Qorti tqis li t-talbiet tas-soċjeta attriċi huma mistħoqqa.

# DECIDE

**Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta.**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara l-intimat veru, ċert u likwidu debitur tal-kumpanija rikorrenti fl-ammont ta' sittax-il elf, sitt mija, tnejn u erbgħin Euro u tnax-il ċenteżmu (€16,642.12);**
3. **Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas l-ammont ta' sittax-il elf, sitt mija, tnejn u erbgħin Euro u tnax-il ċenteżmu (€16,642.12) lill-kumpanija rikorrenti, bl-imgħaxijiet bl-ogħla rata permessi mill-liġi sad-data tal-ħlas effettiv.**

   **L-ispejjeż ta' din il-kawża nonche tal-mandat ta' sekwestru li jġib in-numru ta' 1442/2023 u tal-ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, bin-numru ta' referenza 55/2023 għandhom jitħallsu wkoll mill-intimat.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**